MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Numru. 159/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**vs**

**Simon Grech**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, Simon Grech ta’ 24 sena, iben Saviour u Mary nee’ Camenzuli, imwieled Pieta’ nhar it-12 ta’ Awwissu 1989, residenti gewwa Oakley Court, Flat 3, Triq Oscar Zammit, Msida u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 39489M.

Akkuzat talli f’dawn il-gzejjer, fil-lejl ta’ bejn it-23 u l-24 ta’ Awwissu 2012 u fil-granet ta’ qabel din id-data:

a) Pproduca, biegh jew xort' ohra ttraffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi dina r-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jiddikjara b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni illi dan kien kaz ta' trafficking by sharing u ghalhekk ghandu japplika l-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali aggornata tieghu li hi wahda netta, il-fatt li kkopera mal-Pulizija u li jidher li ghandu mpjieg stabbli. In oltre il-Qorti qieset ukoll illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-prosekuzzjoni ddikjarat li dan kien kaz ta' "trafficking by sharing". Il-Qorti sejra ghalhekk tapplika il-proviso ghal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tikkunsidra t-tieni imputazzjoni bhala assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li r-reat fit-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(b), 8(a), l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii), il-proviso ghall-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tletin xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata u illi l-beneficcju moghti mil-ligi taht il-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jinkiseb ghal darba wahda biss.

Stante li ma gewx nominati esperti f'din il-kawza, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal-hlas tal-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------